## QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, il-Ħamis sitta (6) ta' Marzu 2025

Kawża Nru 468/2024

**Il-Pulizija**
***(Spettur Gabria Gatt)***

vs

**Christian Mamo**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Christian Mamo**, iben John u Alfreda nee Abela, imwieled nhar l-għoxrin (20) ta' Novembru 1986 u residenti 2, Block 16E Flat 2, Triq il-Gendus, Bormla, Malta detentur tal-karta tal-identita numru 525286(M) talli nhar id-disgħa (9) ta' Marzu 2024 għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' wara

nofsinhar (17:15hrs) waqt li kien fi Triq il-Kappuċċini, Victoria u fl-inħawi tal-madwar:

(1) saq vettura ta' għamla BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni HBZ 275 mingħajr liċenzja tas-sewqan;[1]

(2) saq vettura ta' għamla BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni HBZ 275 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji għat-terzi persuni.[2]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien li l-Qorti jidhrilha li hu xieraq u dan skont l-artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet ix-xhieda tal-akkużat li minn jeddu u b'mod volontarju ħa l-pedana tax-xhieda;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

[1] Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65.
[2] Artikolu 3(1) tal-Kap. 104.

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar id-disgħa (9) ta' Marzu 2024 għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' wara nofsinhar (17:15hrs), il-Pulizija kienu qegħdin jagħmlu *road check* fi Triq il-Kappuċċini, Rabat, Għawdex. F'ħin minnhom il-Pulizija waqqfu vettura tal-għamla BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni HBL 275. Ix-xufier ġie identifikat li kien Christian Mamo u dan mid-dokument tal-karta tal-identita li l-istess xufier għadda lill-Pulizija dak il-ħin stess. Ix-xufier ġie mitlub jippreżenta l-liċenzja tas-sewqan tiegħu iżda dan stqarr mal-Pulizija li l-liċenzja kienet qiegħda fil-kartiera tax-xogħol Malta. Minn verifiki li għamlu l-Pulizija mal-*control room*, ġie stabbilit li l-akkużat ma kellux liċenzja tas-sewqan valida. Huwa ġie infurmat li kienu sejrin jinħarġu l-akkużi kontra tiegħu. Miegħu fil-vettura bħala passiġġiera kien hemm ċertu Naduska Tabone. Din irriżulta li kellha liċenzja tas-sewqan u għalhekk hija tħalliet tneħħi l-vettura minn fuq il-post.

Ikkunsidrat;

Mill-provi prodotti jirriżulta li dakinhar tad-disgħa (9) ta' Marzu 2024 l-akkużat kien qed isuq vettura meta kien għadu ma ġabx il-liċenzja tas-sewqan. Dan jirriżulta mill-affidavit ta' PC 592 Nathan Joe Portelli kif wkoll mill-affidavit ta' Saviour Farrugia. L-akkużat ġab biss il-liċenzja fis-sbatax (17) ta' Mejju 2024 u ċioe

ftit aktar minn xahrejn wara li kien twaqqaf. Dan kollu ikkonfermah l-akkużat inniffsu meta minn jeddu u b'mod volontarju għażel li jitla' jixhed f'dawn il-proċeduri. Infatti fix-xhieda tiegħu l-akkużat ikkonferma kif dakinhar li twaqqaf mill-Pulizija huwa kien qiegħed isuq il-vettura tat-tip BMW u li kien għadu ma ġabx il-liċenzja tas-sewqan. Spjega kif huwa kien qiegħed jagħmel ftit prattika tas-sewqan fil-presenza ta' Naduska Tabone li kellha liċenzja tas-sewqan.

Din il-Qorti tinnota li l-affidavit tal-Pulizija jagħmel riferenza għall-fatt li l-akkużat kien qed isuq vettura tal-għamla BMW bin-numru HBL 275 mentri fl-akkuża ir-riferenza hija għall-vettura tal-għamla BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni HBZ 275. Li kieku ma xehedx l-akkużat, din il-Qorti forsi possibilment seta' kellha dubju dwar il-ħtija o meno tal-akkużat minħabba din il-varjazzjoni fin-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Imma tenut kont li l-akkużat xehed f'dawn il-proċeduri u prattikament ikkonferma li fid-data, ħin u l-post indikati fl-akkuża huwa kien qiegħed isuq vettura meta ma kellux liċenzja, dan elimina mhux biss kull dubju li seta' possibilment kien hemm iżda rrenda tali żball għal kollox superfluwu.

Fis-sottomissjonijiet tagħha d-difiża targumenta li l-akkużat kien awtorizzat li jsuq f'tali ċirkustanzi in vista tal-fatt li huwa kien qiegħed jitħarreġ fil-presenza ta' persuna oħra li kellha liċenzja

tas-sewqan. La darba pero d-difiża ressqet din l-eċċezzjoni, kien jispetta lilha tissostanzjaha. Għalkemm dak li qalet id-difiża legalment huwa possibbli li jsir, il-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 timponi numru ta' kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti biex tippermetti s-sewqan f'dawn iċ-ċirkustanzi:

(a) irid ikun ġie maħruġ permess biex wieħed jitgħallem, liema permess jkun jippermetti s-sewqan fil-ġranet kollha esklużi Ħdud u btajjel pubbliċi;

(b) il-persuna konċernata trid tkun akkumpanjata jew taħt is-sorveljanza ta' *instructor* approvat jew inkella sewwieq li jkollu esperjenza ta' mill-anqas ħames snin.

Id-difiża għalhekk kienet obbligata li hija iġġib prova li l-akkużat kellu *a learner's permit* kif wkoll iġġib konferma li Naduska Tabone li kienet passiġġiera fil-vettura mal-akkużat u li kellha liċenzja tas-sewqan kellha mill-anqas ħames (5) snin esperjenza fis-sewqan. L-oneru tal-prova sposta ruħu għal fuq l-akkużat għax kien huwa stess li ressaq din il-linja difensjonali wara li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha. Infatti l-obbligu tal-Prosekuzzjoni kien biss li tipprova li fil-ġurnata, post u ħin indikat l-akkużat kien qed isuq vettura meta ma kellux liċenzja tas-sewqan, obbligu li l-Prosekuzzjoni issodisfat sal-grad rikjest mil-liġi. Id-difiża pero naqset li iġġib provi sufficjenti biex hija tinvoka

b'suċċess ir-regolament 20 u 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18. Għalhekk dak li ġie ippruvat mill-Prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-liġi penali ma ġie newtralizzat bl-ebda mod min-naħa tad-difiża.

Din il-Qorti għalhekk tqis li l-ewwel akkuża ġiet sodisfaċentement ippruvata u għalhekk sejra issib ħtija fl-akkużat għal din l-ewwel akkuża.

Fir-rigward it-tieni akkuża, la darba l-akkużat kien qed isuq mingħajr liċenzja tas-sewqan, l-akkużat b'mod awtomatiku ma setax kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Ma inġabet l-ebda prova min-naħa tad-difiża – anke fid-dawl ta' dak li jistipula l-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 – li tindika li l-akkużat kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Għalhekk it-tieni akkuża tirriżulta wkoll.

Tenut kont pero li jidher li l-akkużat kien fil-fażi finali biex jottjeni l-liċenzja tas-sewqan – u għalkemm kiser il-liġi, ir-raġuni għalfejn kien qiegħed isuq kienet biss biex huwa jitħarreġ – il-Qorti tqis li m'għandhiex tissospendilu l-liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax (12) -il xahar iżda għandha tapplika perijodu ta' sospensjoni ferm anqas. Dan abbażi tad-diskrezzjoni konċessa mill-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104. Il-Qorti sejra għalhekk tapplika biss terminu ta' sospensjoni ta' ħmistax (15) -il ġurnata.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikoli 3(1), 3(1A), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta’ Malta qed issib lill-akkużat **<u>Christian Mamo ħati tal-akkużi kollha</u>** miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tikkundannah għall-ħlas ta’ multa komplessiva ta’ elfejn **<u>u erba’ mitt ewro (€ 2,400)</u>**. Għar-raġunijiet fuq premessi u in linea mad-diskrezzjoni mogħtija lill-Qorti bis-saħħa tal-aritkolu 3(2A) tal-Kap. 104, il-Qorti qiegħda tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta’ ħmistax (15) -il ġurnata li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl u minuta ta’ għada.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur